A.L. 106 ta' l-1994

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 53 u bl-artikolu 72 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (Emenda Nru. 3) u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali."

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minnufih fi tmiem il-paragrafu (2) tiegħu għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda fil-każ tas-Segretarji, dan il-bonus ta' *performance* ikun ta' mhux iżjed minn 10% tar-rimunerazzjoni li jkunu f'dak iż-żmien qegħdin jitħallsu."; u

(b) fil-partita (ii) tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu (5) minflok il-kliem "Lm2,060 fis-sena;" għandhom jidħlu l-kliem "Lm2,289 fis-sena;".